bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea u
Sp Dennis Theuma)
vs
Joseph Abela, iben
Costantino, imwieled
Birkirkara fl-1 ta' frar, 1954

Illum, 13 ta' novembru, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli f'dawn il-Gżejjer fis-27 ta' april, 1998 u fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozziz-
jonijiet tal-Liġi u li kienu magħmulin b'rizoluzzjoni waħda bħala detentur
tal-fond 'Orchidea', Triq il-Katlan, Attard jew bħala l-persuna li kellha
f'idejha l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa ikkometta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi post liema serq hu għad-dannu
tal-korporazzjoni Enemalta u hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin;
2. talli f'xi żmien għamel ħsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew
ikkaġuna telf ta' kurrent elettriku;
3. talli fl-istess żmien lok u ċirkostanżi bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioe' serq ta' kurrent elettriku wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit;
4. talli għamel ħsara jew kisser xi parti mill-meter tal-eletriku jew is-siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista tal-elettriku jew siġilli.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda tar-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li nforma l-Qorti li l-imputat m'għandu xejn x'jaqsam ma dan il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li ndikat lill-Qorti li wara x-xhieda tar-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta m'għandhiex aktar provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi.